**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mil-Landgericht Wiesbaden (il-Ġermanja) fid-29 ta' April 2013 — Stefan Fahnenbrock vs Ir-Repubblika Ellenika**

**(Kawża C-226/13)**

(2013/C 215/05)

*Lingwa tal-kawża:il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Landgericht Wiesbaden

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Stefan Fahnenbrock

*Konvenuta:* Ir-Repubblika Ellenika

**Domanda preliminari**

L-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1393/2007, tat-13 ta' Novembru 2007, dwar is-servizz fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali [("servizz ta' dokumenti") u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1348/2000] ([1]) għandu jiġi interpretat fis-sens li għandu jiġi kkunsidrat bħala "materji ċivili jew kummerċjali", fis-sens ta' dan ir-regolament, rikors li permezz tiegħu, f'sitwazzjoni fejn ir-rikorrent ma jkunx aċċetta proposta magħmula mill-konvenuta fi tmiem ix-xahar ta' Frar 2012 sabiex jibdel bonds maħruġa mill-konvenuta, mixtrija mir-rikorrent u miżmuma ma' depożitarju tat-titoli mal-kumpannija S Broker AG, ir-rikorrent jitlob li jiġi kkumpensat id-differenza fil-valur li rriżultat wara l-iskambju ekonomikament żvantaġġuż li minkejja dan ġie impost fuqu f'Marzu 2012?

([1]) ĠU L 324, p. 79.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mil-Landgericht Wiesbaden (il-Ġermanja) fit-2 ta' Mejju 2013 — Holger Priestoph, Matteo Antonio Priestoph, Pia Antonia Priestoph vs Ir-Repubblika Ellenika**

**(Kawża C-245/13)**

(2013/C 215/06)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Landgericht Wiesbaden

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Holger Priestoph, Matteo Antonio Priestoph, Pia Antonia Priestoph

*Konvenuta:* Ir-Repubblika Ellenika

**Domanda preliminari**

L-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1393/2007, tat-13 ta' Novembru 2007, dwar is-servizz fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali [("servizz ta' dokumenti") u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1348/2000] ([1]) għandu jiġi interpretat fis-sens li għandu jiġi kkunsidrat bħala "materji ċivili jew kummerċjali", fis-sens ta' dan ir-regolament, rikors li permezz tiegħu, f'sitwazzjoni fejn ir-rikorrent ma jkunx aċċetta proposta magħmula mill-konvenuta fi tmiem ix-xahar ta' Frar 2012 sabiex jibdel bonds maħruġa mill-konvenuta, mixtrija mir-rikorrent u miżmuma ma' depożitarju tat-titoli mal-kumpannija S Broker AG, ir-rikorrent jitlob li jiġi kkumpensat id-differenza fil-valur li rriżultat wara l-iskambju ekonomikament żvantaġġuż li minkejja dan ġie impost fuqu f'Marzu 2012?

([1]) ĠU L 324, p. 79.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mil-Landgericht Wiesbaden (il-Ġermanja) fit-3 ta' Mejju 2013 — Rudolf Reznicek vs Ir-Repubblika Ellenika**

**(Kawża C-247/13)**

(2013/C 215/07)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Landgericht Wiesbaden

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Rudolf Reznicek

*Konvenuta:* Ir-Repubblika Ellenika

**Domanda preliminari**

L-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1393/2007, tat-13 ta' Novembru 2007, dwar is-servizz fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali (servizz ta' dokumenti) [u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1348/2000] ([1]), għandu jiġi interpretat fis-sens li għandu jiġi kkunsidrat bħala "materji ċivili jew kummerċjali" fis-sens ta' dan ir-regolament, rikors li permezz tiegħu, f'sitwazzjoni fejn ir-rikorrent ma jkunx aċċetta proposta magħmula mill-konvenuta fi tmiem ix-xahar ta' Frar

2012 sabiex jibdel bonds maħruġa mill-konvenuta, mixtrija mir-rikorrent u miżmuma ma' depożitarju tat-titoli mal-kumpannija Gries und Heissel Bankiers AG, ir-rikorrent jitlob li jiġi kkumpensat id-differenza fil-valur li rriżultat wara l-iskambju ekonomikament żvantaġġuż li minkejja dan ġie impost fuqu f'Marzu 2012?

([1]) ĠU L 324, p. 79.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa minn Varas Cíveis de Lisboa (il-Portugall) fit-13 ta' Mejju 2013 — Sociedade Agrícola e Imobiliária da Quinta de S. Paio, Lda vs Instituto da Segurança Social, IP**

**(Kawża C-258/13)**

(2013/C 215/08)

*Lingwa tal-kawża: il-Portugiż*

**Qorti tar-rinviju**

Varas Cíveis de Lisboa

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Sociedade Agrícola e Imobiliária da Quinta de S. Paio, Lda

*Konvenut:* Instituto da Segurança Social, IP

**Domandi preliminari**

(1) L-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ([1]), li jistabbilixxi d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva, jipprekludi l-eżistenza ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi l-aċċess tal-persuni ġuridiċi bi skop ta' lukru għal għajnuna legali?

(2) L-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea għandu jiġi interpretat fis-sens li jiġi żgurat id-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva jekk filwaqt li d-dritt intern tal-Istat Membru jeskludi lil persuni ġuridiċi bi skop ta' lukru mill-għajnuna legali huwa awtomatikament jeżentahom mill-ispejjeż u mill-ħlasijiet flimkien ma' azzjonijiet ġudizzjarji fil-każ ta' insolvenza jew ta' issuġġettar għal proċedura ta' rkupru ta' impriżi?

([1]) ĠU 2000, C 364, p. 1.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Amtsgericht Rüsselsheim (il-Ġermanja) fl-14 ta' Mejju 2013 — Ekkehard Aleweld vs Condor Flugdienst GmbH**

**(Kawża C-262/13)**

(2013/C 215/09)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Amtsgericht Rüsselsheim

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Ekkehard Aleweld

*Konvenuta:* Condor Flugdienst GmbH

**Domandi preliminari**

(1) Id-dritt għall-kumpens skont l-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 261/2004 ([1]) jeżisti wkoll fil-każ fejn it-titjira rriżervata titlaq b'dewmien ta' iktar minn tliet sigħat, fejn kumpannija tal-ajru oħra twassal lill-passiġġier permezz ta' rotta differenti u fejn id-dewmien tal-wasla fid-destinazzjoni huwa għalhekk sostanzjalment imnaqqas iżda fejn it-titjira inizjali u t-titjira l-oħra jaslu t-tnejn li huma fid-destinazzjoni inizjali b'dewmien ferm ikbar minn tliet sigħat?

(2) Fil-każ ta' risposta pożittiva għall-ewwel domanda: huwa determinanti li t-terminu ta' ħames sigħat indikat fl-Artikolu 6(1)(iii) għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 8(1) tar-Regolament, ikun jew ma jkunx skada?

(3) Il-kwistjoni ta' jekk kienx il-passiġġier stess li bidel ir-reżervazzjoni inizjali jew jekk din il-bidla saritx bl-għajnuna tal-konvenuta hija rilevanti?

([1]) Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Frar 2004, li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 8, p. 10).